MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 715/2011

**Anthony Abela u martu Nadine Abela u Venues Company Limited (C27160)**

**vs**

**Ronald Cordina, Lombard Bank (Malta) p.l.c. u Registratur tal-Qorti**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Anthony Abela u martu Nadine Abela u Venues Company Limited li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-esponenti kienu inizzjaw proceduri fl-ismijiet Anthony Abela (ID. 274354M), u martu Nadine Abela (ID. 317660M) u Venues Company Limited (C 27160) vs Ronald Cordina (ID. 85376M) u b’digriet tat-8 ta’ Lulju 2010 giet kjamata fil-kawza s-socjetà Lombard Bank (Malta) p.l.c. liema kawza kellha citazzjoni numru Citaz. Nru. 381/10 RCP u giet deciza l-24 ta’ Frar, 2011.

L-esponenti ghadhom kif saru jafu illi wara s-sentenza li nghatat f’din il-kawza inharget taxxa tal-kawza kopja ta’ liema taxxa qed tigi esebita bhala Dok. A.

Kif jirrizulta mill-istess taxxa il-kawza giet intaxxata skond l-Artikolu 4(2) tal-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid:

> “Meta minkejja r-regoli li hemm fis-subparagrafu (1) ta’ dan il-paragrafu, il-valur jibqa’ mhux cert jew mhux likwidu, id-dritt intaxxat ghandu jkun mhux inqas minn......€582.34.”

Però din il-kawza kienet titratta principalment zewg talbiet. Fl-ewwel talba il-Qorti intalbet tiddikjara illi l-ittra ufficjali pprezenta mill-konvenut fid-19 ta’ Novembru 2009 ma taghtix id-dritt lill-konvenut li jipprezenta mandati ezekuttivi fil-konfront tas-socjetà attrici Venues Limited. Mill-premessi tar-rikors guramentat stess u mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi l-ammont l-ittra ufficjali u l-mandat ta’ qbid fuq immobbli

sussegwenti saru biex jigu esegwit allegat titolu ezekuttiv fl-ammont ta’ €295,705.15.

In oltre l-mandat ta’ qbid fuq immobbli sar fuq proprjetà ta’ Venues Limited ossia Villa Madama, Triq Birbal, Balzan, liema proprjetà giet stmata fl-istess atti tas-subasta fl-ammont ta’ Lm380,000 ekwivalmenti ghal €885,161.85. Dan kollu jirrizulta mill-atti tal-kawza.

Ghalhekk ir-Registratur tal-Qorti kellu jikkonsidra wiehed minn dawn il-valuri u jistma din il-kawza a bazi ta’ l-artikolu 3(1) tal-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu jghid:

(1) B’zieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-presentata ta’ xi petizzjoni, rikors jew xi att iehor tal-procedura li jkun fihom talba li biha tinbeda procedura kontenzjuza f’Qorti ta’ Prima Istanza u li titlob decizjoni minn Imhallef jew Magistrat, u meta d-dritt tar-registru jkun jista’ jigi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista’ jigi stabbilit skond il-ligi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li gejjin:

- (a) Sal-ewwel €6,988.12, ghal kull €100 jew parti minnha - €8.15;
- (b) Dwar kull valur ‘il fuq minn €6,998.12 sa €11,646.87 ghal kull €100 jew parti minnha - €5.82;
- (c) Dwar kull valur ‘il fuq minn €11,646.87 sa €23,293.73, ghal kull €100 jew parti minnha - €5.24;
- (d) Dwar kull valur ‘il fuq parti minn €23,293.73 sa €116,468.67, ghal kull €100 jew parti minnha - €3.49
- (e) Dwar kull valur ‘il fuq parti minn €116,468.67 sa €232,937.34, ghal kull €100 jew parti minnha - €2.33;

(f) Dwar kull valur ‘il fuq minn €232,937.34, ghal kull €100 jew parti minnha - €1.75.

L-esponenti ghalhekk qed jintavolaw dawn il-proceduri biex jattakkaw it-taxxa a tenur tal-Artikolu 64(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalkemm dan l-artikolu jistabbilixxi terminu ta’ xahar però dejjem skont l-istess artikolu dan it-terminu jibda jiddekorri minn meta d-debitur jigi notifikat bit-taxxa. Essendo l-attur l-esponenti huma debituri versu r-Registratur tal-Qorti u qatt ma gew notifikati bit-taxxa. Kwindi t-terminu ta’ xahar ghadu ma bediex jiddekorri fil-konfront taghhom.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgboha a tenur tal-Artikolu 64(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jordna li tithassar it-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti wara s-sentenza fl-ismijiet Anthony Abela (ID. 274354M), u martu Nadine Abela (ID. 317660M) u Venues Company Limited (C 27160) vs Ronald Cordina (ID. 85376M) u b’digriet tat-8 ta’ Lulju 2010 giet kjamata fil-kawza s-socjetà Lombard Bank (Malta) p.l.c. liema kawza kellha citazzjoni numru Citaz. Nru. 381/10 RCP u giet deciza l-24 ta’ Frar, 2011;

2. Tordna lill-istess Registratur sabiex johrog taxxa ohra skond kif dirett minn din l-Onorabbli Qorti u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta’ Lombard Bank Malta p.l.c. li in forza tieghu gie eccepit illi:

In kwantu it-talbiet attrici huma diretti kontra l-bank esponenti dan ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti stanti li huwa kompitu strettament tar-Registratur tal-Qrati li johrog it-taxxa wara li kawza tigi deciza, u dan a tenur tal-artikolu 64(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Subordinatament u assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kawza odjerna ma saritx fit-terminu ta’ xahar minn mindu inharget it-taxxa skond l-Artikolu 64(1) surreferit u s-sostenn tal-atturi li dan it-terminu ta’ xahar ghadu ma bediex jiddekorri kontra taghhom ghaliex ma gewx notifikati bit-taxxa huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, stanti li huma ma jinkwadrawx ruhhom fl-ambitu ta’ “debitur” li jirrikjedi li jigi notifikat skond l-istess artikolu.  Ghalhekk ir-rikors odjern ghandu jigi dikjarat null u bla effett.

Subordinatament, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-taxxa Dok “A” mahruga mir-Registratur tal-Qorti hija koretta stanti li l-kawza citazzjoni numru 381/10/RCP li dwarha t-taxxa Dok. “A” giet rilaxxata kienet wahda dikjaratorja fejn ma gie likwidat ebda ammont.

Ghaldaqstant il-Bank esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tieghu,

bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Rat ir-risposta tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija monka u nulla fil-konfront tal-eccipjenti stante li l-azzjoni giet intavolata kontra entità, ossia r-Registratur tal-Qorti li ma huwiex aktar kontemplat fil-Ligi, u ghalhekk l-eccipjenti Direttur, Qrati Civili u Tribunali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrileva illi hemm lok ghal ritassa in kwantu t-taxxa kellha tigi mahduma *ad valorem* izda nonostante dan, l-esponenti m'ghandux jigi kkundannat ebda spejjez stante illi l-kawza *de quo* hija ntempestiva in kwantu avolja hemm lok ghal korrezzjoni jew revizjoni tat-taxxa l-esponent jirrileva li huwa dejjem dispost jiddiskuti l-mod ta' kif tkun inhadmet taxxa qabel ma jigu ntavolati proceduri proprju fi sforz biex jigu evitati kwazi inutili u fil-kaz in dizamina l-esponent ma giex avvicinat ghal dan il-ghan qabel mar-rikorrenti intavolaw il-kawza odjerna u ghaldaqstant huwa m'ghandux ibati ebda spejjez.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jirrileva illi huwa joqghod ghal kwalsiasi ordni li tohrog dina l-Onorabbli

Qorti, izda f'kull kaz l-esponent m'ghandux isofri spejjez ta' dawn il-proceduri.

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat li Ronald Caruana ghalkemm debitament notifikat baqa' ma wegibx ghall-kawza.

Semghet lix-xhud.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet lid-difensuri jittrattaw il-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-Art. 64(1) tal-Kap. 12 li jipprovdi illi:

> *"L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-*

*taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika."*

Issa mill-provi prodotti ma jirrizultax min kienet il-parti li talbet il-hrug tat-taxxa u lanqas ma jirrizulta meta din giet notifikata lid-debitur. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tqis li, meta gew inizjati dawn il-proceduri, kien skada t-terminu impost mill-provvediment tal-ligi fuq citat. Inoltre, l-istess artikolu tal-ligi jipprovdi illi:

*"Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta."*

Ghalhekk l-eccezzjonijiet preliminari ta' Lombard Bank plc qeghdin jigu michuda.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, jirrizulta illi fit-taxxa mertu ta' din il-kawza inharget a bazi tal-Art. 4(2) tal-iskeda A tal-Kap. 12.

Issa fil-kawza li taghha ntalab l-intaxxar mir-registratur it-talbiet kienu testwalment is-segwenti:

*"Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*i) Tiddikjara illi l-ittra ufficcjali pprezentata mill-konvenut fid-19 ta' Novembru 2009 ma taghtix id-dritt lill-konvenut li jipprezenta mandati ezekuttivi fil-konfront tas-socjetà attrici Venues Limited.*

*ii) Konsegwentement tiddikjara irriti u nulli l-proceduri ta' subbasta numru 88/09 fl-ismijiet Ronald Cordina vs Anthony abela et.*

*iii) Konsegwentement tiddikjara li l-liberazzjoni maghmula mir-Registratur ta' din il-Qorti hija nulla u bla ebda effett u tordna l-kancellament tal-istess liberazzjoni billi taghti wkoll dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni."*

Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Grech noe v. Abela et, deciza fil-25 ta' Jannar 2002:

*"Meta mill-massa litigjuza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa ghandha tigi fuqu regolata, cioè ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett taghha. Minn dana jitnissel li l-ezami ghandu jirraggira ruhu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, hew tal-'Quod disputatum est', li jista' jigi ragjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-process; u ghal dana l-fini jistghu u ghandhom iservu tant id-dikjarazzjoni orali, u 'multo magis' l-iskritturi mdahhla fil-proceduri bil-miktub, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jkunu gew proposti ghall-ezami u decizjoni tal-Qrati jigux imbaghad finalment milqugha jew michuda."*

Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dak li kellu jiġi determinat fil-kawża kien essenzjalment punt ta' liġi. Ma sar fiha ebda determinazzjoni ta' xi valur jew kanonizzazzjoni ta' kreditu. Il-vertenza f'dik il-kawża kienet tirrigwarda essenzjalment l-esekuzzjoni ta' kreditu u mhux il-kreditu per se. Il-Qorti fil-kawża qieset infatti l-ħtieġa ta' dikjarazzjoni ġudizzjarja għall-esekuzzjoni tal-kreditu, (liema dikjarazzjoni fil-fatt intalbet fi proċeduri separati) u b'hekk irriteniet li ma kienitx tapplika għas-sitwazzjoni l-proċedura kontemplata fl-Art. 256(2) tal-Kap. 12. Il-kawża trattat essenzjalment punti strettament legali li in relazzjoni tagħhom kien totalment irrelevanti l-ammont tad-debitu li kien qiegħed jiġi reklamat. Il-Qorti ma taqbilx fil-kuntest mal-fehma li wera r-Reġistratur kemm fit-tweġiba tiegħu għall-kawża kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti. Tqis anzi li d-dritt intaxxat mal-preżentata tal-kawża kien bażat fuq interpretazzjoni korretta tat-Tariffa applikabbli.

Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tad-Direttur intimat, tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu ta' Lombard Bank (Malta) p.l.c.; tiċħad it-talbiet ta' Anthony Abela, Nadine Abela u Venues Company Limited.

L-ispejjeż jitħallsu minn Anthony Abela, Nadine Abela u Venues Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------